MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 642/2015

**Jane Ciantar (ID 125460M) Josephine Bartolo (ID131258M)**

**vs**

**Salvu Abdilla**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Jane Ciantar (ID 125460M) u Josephine Bartolo (ID 131258M) datat 2 ta' Lulju 2015 fejn esponew: -

Illi r-rikorrenti li huma ahwa, huma l-propjetarji tal-fond enumerat '29' Saint Angelo Street, Birzebbugia;

Illi din il- propjeta hawn citata giet trasferita fuq ir-rikorrenti causa mortis, u dan in segwitu ghal mewt ta' missierhom Carmelo Abdilla, li miet f1-1 ta' Marzu 2000, Kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DokumentA;

Illi l-intimat Salvu Abdilla jiddetjeni dan il-fond illegalment, klandestinament, u minghajr ebda titolu validu fil-Ligi:

Illi l-intimat gie interpellat b'ittra ufficcjali datata datata 5 ta' Marzu 2015, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B sabiex fi zmien gimgha, huwa jizgombra mill-fond enumerat '29' Saint Angelo Street, Birzebbugia, izda huwa baqa' inadempjenti.

Illi ghalkemm debitament notifikat bl-ittra ufficcjali, l-intimat baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha issir din il-procedura;

Illi r-rikorrenti Josephine Bartolo tikkonferma li taf il-fatti fuq imsemmija personalment u li l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet validi xi jressaq.

Talbu ghaldaqstant l-intimat jghid ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:

1. Jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a' tenur tal-Artikolu 167 et

seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond enumerat '29' Saint Angelo Street, Birzebbugia fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-spejjez kontra l-intimat u b'rizerva ghal kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess intimat, liema intimat huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Lulju 2015.

Rat il-verbal tas-seduta mizmum illum il-Hamis 16 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Charmaine Charrett ghar-rikorrenti prezenti. Deher l-intimat assistit minn Dr Leonard Caruana. L-intimat esebixxa b'nota kopja mhux awtentikata ta' skrittura ossia konvenju li saret allegatament bejn il-predecessuri fit-titolu tal-atturi u l-istess intimat. Dr Charmaine Cherrett irrilevat li minghajr pregudizzju ghall-awtenticita` tad-dokument, il-konvenju skada. Il-Qorti irrillevat li d-dokument ghandu l-ahhar parti fuq l-ewwel pagna vojta biex b'hekk lanqas jidher min hu l-akwirent prospettat.

Il-Qorti ghal dawn il-motivi tqis li l-intimat ma rnexxilux jipprova lanqas fuq bazi *prima facie* li ghandu raguni biex jiddeduci kontra t-talbiet attrici u wara li rat l-artikolu 167 tal-Kap 12 ghaddiet biex tghati sentenza fejn laqghet t-talbiet attrici. Il-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Meta regghet issejhet il-kawza ma deher hadd.

Inqrat is-sentenza u l-kawza giet deciza.

## II Konsiderazzjonijiet

Illi permezz ta'din il-kawza, r-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament tal-intimat mill-fond deskritt fir-rikors promotur, proprjeta' taghhom, stante li hu qed jokkupah minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tallum, l-intimat ma ressaqx giustifikazzjoni, lanqas fuq bazi *prima facie* sabiex juri lill-Qorti li kellu kontestazzjoni valida ghat-talbiet attrici.

Il-Qorti hija soddisfatta li l-atturi ppruvaw li huma s-sidien tal-proprjeta' in mertu u infatti dan il-punt lanqas kien in kontestazzjoni.Dan jirrisulta mill-affidavits rispettivi taghhom u mid-dikjarazzjoni *causa mortis* esebita in atti.

Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet kif dedotti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa' t-talbiet attrici skond dan li gej:-**

**1.Tilqa’** l-ewwel (1) talba ;

**2. Tilqa’ t**-tieni (2) talba u tikkundanna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond 29, St Angelo Street, B'Bugia fi zmien perentorju ta' xahar millum.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------